IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru61(Wieħed u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**61.1. Item Nru 61.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

61.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.12 u s-Segretarju Ezekuttiv avża li s-Sa. Rosabelle Pulis mhux ser tkun prezenti għal laqgħa minhabba li tinsab indisposta. Il-Kunsill qabel li tkun skużata.

**61.2. Item Nru. 61.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

61.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sinjura Doris Borg xtaqet tirrimarka u tirranga minuta 60.4 ghaliex hi ġiet skużata minħabba lezzjonijiet tal-privat.

**61.3. Item Nru. 61.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

61.3.1 Is-Sindku qal li l-bandli ta' fejn ir-roundabout għada l-aħħar kisja tar-*rubber flooring* u għandu jkun lest wara li nistennewh jinxef.

Il-ħamis ser tinżebaħ l-art kollha bir-roofing compound maroon, griż u beige. Is-Sibt imbgħad inkunu nistgħu niftħu għal pubbliku pero ma jkunx uffiċjali.

Issa jonqos ukoll li jsiru cameras.

Is-Sindku irrimarka li fuq il-bandli saru spejjeż addizzjonali minn dak li kien mistenni fit-tender li jlaħħqu l-fuq minn €23,000 u ippropona li dawn napplikaw għalihom sabiex jiżdiedu mal-fondi li ser ningħataw tad-Development Planning Funds.

61.3.2. Is-Sindku qal li kif tkellimna fil-laqgħat preċedenti sar ftehim mat-*Tourism Zones Foundation* fejn ingħatajna l-ammont ta' 5,000 fi spejjeż ta' bins kif ukoll 5,000 fi spejjeż ta' konkos u jiġi rranġat fejn il-Milord.

Din il-Ġimgħa immarkajna fejn ser jiġu l-bins u suppost għandhom jiġu installati fil-jiem li ġejjin.

61.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-liġi l-ġdida tal-caravans fejn wara issa iridu japplikaw għal permess ta' €5 kull ġurnata sa massimu ta' tlett ijiem u mbgħad iridu jerġgħu iħallsu. Is-Sur Attard qal li hu ma jaqbilx magħha u għalhekk skond kif qalulu mil-Ministeru qal li ser iħallsu u jibqgħu hemm imbgħad fi żmien tlett ġimgħat għandu jkun hemm il-biċċa ta' quddiem ta' Barkat ser issir *designated site* u mbgħad ikunu jistgħu japplikaw għal sebat ijiem.

Sas-sena d-dieħla mbgħad dan is-sit għandu jakkomoda 50 caravan fl-istess ħin u ser ikollhom ukoll is-servizzi bħal dawl, ilma u drenaġġ.

61.3.4 Is-Sindku qal li l-laqgħa tal-barranin saret pero attendiet persuna waħda biss.

61.3.5 Is-Sindku qal li l-iskema tal-attivitajiet l-applikazzjoni tagħna ġiet aċċettata u ser ningħataw €16,700. L-attivita ser issir fil-weekend ta' bejn is-26-27 t' Awwissu.

**61.4 Item Nru 61.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

61.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet fuq is-siġra kommemorattiva li staqsewna dwarha jekk hux ser nagħmluha. Is-Segretarju qal li dik ser issir f'Fort Park għal Ottubru.

61.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet jekk applikajniex għal Cleanup u s-Sindku qal li applikajna ingenerali u ser niħdu €1,500.

61.4.3 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk nistgħux inwaħħlu l-plakka il-propja ta' Alijoy. Is-Sindku qal li iva issa tista' teħel.

61.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nisstgħu nagħmlu biċċa railing fis-slipway tal-patrijiet għaliex hemm biċċa nieqsa.

61.4.5 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħu nirrapurtaw li l-karozza tal-linja tal-belt tat-3.15pm mhux qed titlaq mil-belt.

61.4.6 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħu nagħmlu aktar dawl max-xatt in-naħa ta' Triq l-Ispnott għaliex qed ikun imdallam. Is-Sindku qal li hemm ser tinqala t-Triq u l-bankini u jsiru mil-ġdid fi żmien qasir. Dan kien konfermat minn Instrastruttura Malta.

**61.5 Item Nru. 61.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

61.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**61.6 Item Nru. 61.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

61.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**61.7 Item Nru. 61.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

61.7.1 Pagamenti b'numru 124 ġew approvati unanimament.

**61.8 Item Nru. 61.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

61.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**61.9 Item Nru. 61.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

61.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.02pm

Aġġornament għal nhar it-Tlieta 1 t' Awwissu.

Ranier Busuttil Neil Attard